# *QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA*

**SEDE CIVILI**

***MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.***

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 16 TA' NOVEMBRU 2001**

**Avviz Nru: 1694/98DM**

**Peter Montebello f'ismu proprju u bhala uniku propjetarju tad-ditta Peter Plant Hire**

**Vs**

***Joseph Mercieca***

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' tmien mija u sitta u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (LM856.75) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut ghal xoghlijiet maghmula lil-konvenut fuq inkarigu tieghu stess, kif jirrizulta mill-anness kont tal-5 ta' Jannar 1997 (Doc "A"}, liema somma il-konvenut gie inutilment interpellat sabiex jhallas.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tad-dovut pagament sad-data tal-pagament effettiv, ai termini ta' l-artikolu 1141(1) tal-kodici civili, u bir-rizerva ta' kull dritt fil-ligi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Mercieca fejn eccepixxa illi:

1) It-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-attur m'ghamel l-ebda xoghol fuq inkarigu tal-eccipjent.
2) Salvi dejjem eccezzjonijiet ohra

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet ta' Peter Montebello proprio et nomine ipprezentata fis-26 ta' Lulju 2001

Rat in-nota responsiva tal-konvenut datata 23 t'Ottubru 2001

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkunsidrat:-

Illi dak illi fuqu jaqblu l-kontendenti u li jikkonfermaw huwa l-kontenut tal-iskrittura tad-9 ta' Frar 1996 (dokument P1 afol 7 tal-process) permezz ta' liema l-attur kien xtara minghand il-konvenut dumper ghas-somma ta' Lm850 (tmien mija u hamsin lira Maltin) liema somma huwa kien obbliga illi jhallas lil-konvenut billi jesegwixxi fl-interess tal-konvenut xoghol ta' valur ta' Lm850 (tmien mija u hamsin lira Maltin) illi kellhu jigi esegwit sad-9 t'Awissu 1996.

L-istess kontendenti jaqblu wkoll illi l-konvenut gie kannonizzat kreditur tal-attur fis-somma ta' Lm750 (sebgha mija u hamsin lira Maltin) bhala bilanc mill-prezz ta' l-istess dumper wara li giet ikkumpensata somma ta' Lm100 (mitt lira Maltin).

Ghalhekk jirrizulta wkoll illi jekk l-attur kien fil-fatt esegwixxa xi xogholijiet fl-interess tal-konvenut huwa intitolat illi jithallas taghhom minghand il-konvenut hlief ghas-somma ta' Lm100 (mitt lira Maltin) li digia giet ikkumpensata. Infatti l-istess attur iddikjara fid-deposizzjoni tieghu illi l-ammont mitlub minnhu fl-avviz ried jigi ridott bis-somma ta' Lm100 (mitt lira Maltin) digia ikkompensata.

Ghalhekk l-attur huwa tenut illi jipprova illi huwa kien effettivament esegwixxa xi xogholijiet fuq istruzzjonijiet u fl-interess tal-konvenut u illi taghhom huwa ghadu ma thallas u evidentement f'kaz illi jirnexxilhu jasal ghal din il-prova jigi kanonnizzat kreditur tal-konvenut f'somma

ohra separata u distinta mis-somma li huwa ghandu jaghti lil-konvenut bhala prezz tad-dumper.

Billi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-attur effettivament kien esegwixxa xi xogholijiet elenkati fil-kont esebit jew almenu kien esegwixxa l-parti kbira taghhom, dak li ried jipprova l-attur huwa li l-istess xogholijiet kienu gew esegwiti fuq istruzzjonijiet u fl-interess esklussiv tal-konvenut li ghalhekk huwa hu biss intitolat li jithallas minghand it-terz li ibbenefika mill-istess xogholijiet.

Ghalkemm l-attur fl-avviz ghamel riferenza ghal kont datat 5 ta' Jannar 1997 u ghas-somma ta' Lm856.75 (tmien mija u sitta u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmi), matul id-deposizzjoni tieghu huwa ghamel riferenza biss ghal kont iehor tal-31 ta' Mejju 1996 u ghas-somma ta' Lm900 (disa' mitt lira Maltin).

Nonostante din id-divergenza jirrizulta pero illi x-xogholijiet illi l-attur qed jippretendi illi ghandu jithallas mill-konvenut huma dawk esegwiti fis-27 ta' Marzu 1996 f'H'Attard, kiri ta' mini excavator ghal xoghol fil-Hamrun f'April 1996 u l-kiri wkoll ta' mini excavator f'Hal Qormi fit-3 u fl-4 ta' Mejju 1996.

Biex jasal ghal prova li effettivament esegwixxa dawn ix-xogholijiet u anke biex jipprova wkoll illi dawn ix-xogholijiet saru fl-interess tal-konvenut u a beneficcju ta' terzi, kien jispetta lill-istess attur illi jipproduci bhala xhieda t-terzi persuni illi benefikaw minn dawn ix-xogholijiet halli jkunu jistghu jikkonfermaw o meno dak li qieghed jippretendi l-attur.

Infatti uhud minn dawn it-terzi persuni li benefikaw mix-xogholijiet li ghamel l-attur gew prodotti mill-konvenut stess. Joseph Zammit illi kien wiehed mill-persuni li ibbenefika mill-xoghol bil- mini excavator li kien gara f'Hal Qormi f' Mejju 1996 ma ikkonfermax dak li jippretendi l-attur u cioe illi huwa kellhu relazzjonijiet biss mal-konvenut Joseph Mercieca u illi kien biss Joseph Mercieca li kien intitolat li jithallas minn ghandhu. Infatti l-istess Joseph Zammit iddikjara illi x-xogholijiet fil – fatt kienu ghamluhom Mercieca u Montebello flimkien u ma jeskludix il-fatt illi huwa setgha hallas sehmu minn dan ix-xoghol direttament lill – attur Peter Montebello.

Ix-xhud Saviour Buttigieg illi xhed ghar-rigward ta' xogholijiet li saru f'razzett Hal Far, prezumibilment ix-xoghol illi l-attur indika li sar f'Hal

Luqa, iddikjara illi x-xoghol effettivament kien ghamlu l-attur Peter Montebello fuq introduzzjoni tal-konvenut u hallas tieghu huwa stess billi ikkumpensa l-ammont l-ammont ta' Lm500 (hames mitt Lira Maltin) illi kellu jaghti lil-attur Peter Montebello ma xoghol iehor li l-istess Saviour Buttigieg ghamel fl-interess ta' l-istess attur Peter Montebello.

Apparti illi anke s-somma involuta hija differenti mis-somma ta' Lm100 (mitt lira Maltin) illi jippretendi li ghandhu jithallas l-attur, mid-deposizzjoni ta' Saviour Buttigieg jirrizulta illi effettivament l-istess attur jinsab imhallas ghas-saldu tax-xogholijiet kollha illi ghamel fir-rigward. Kif ukoll, mid-deposizzjoni ta' Eddie Borg riferibilment ghax-xoghol indikat fil-kont li sar il-Hamrun jirrizulta illi l-ammont mitlub lilu effettivament ma kienx ta' Lm525 (hames mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin ) izda ta' Lm350 (tlett mija u hamsin lira Maltin), kif ukoll jiddikjara illi ta' dan ix-xoghol ma kellux relazzjonijiet esklussivi mal-konvenut Joseph Mercieca izda wkoll mal-attur Peter Montebello.

Minn dawn ir-rizultanzi ghalhekk ma jirrizultax ippruvat illi l-attur esegwixxa x-xogholijiet esklussivament fl-interess tal-konvenut Joseph Mercieca u li ghalhekk ma jirrizultax li l-istess Joseph Mercieca huwa tenut li jhallas taghhom.

Infatti jirrizulta illi partiti minn dawn ix-xogholijiet huma digia imhalsin u jekk hemm xi bilanci li ghandhom dovuti definitivament ma jistax jinghad illi dawn ghandhom jithallsu minn ghand it-terzi lill Joseph Mercieca, l-konvenut.

Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' prova sodisfacenti l-Qorti qieghdha tichad it-talba tal-attur;

Bl-ispejjez kontra l-attur.

…………………………………………

Magt Dr. D. Montebello B.A., LL.D.

A. Farrugia
Dep.Reg Civ27